Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 07/15

**AVVIŻI**

**06 ta' Diċembru 2015**

Matul dan il-weekend ikun hemm Bazaar fil-*crying room.* Minbarra l-pjanti u l-oġġetti tas-soltu hemm ukoll il-qagħaq tal-għasel.

Il-Ħadd filgħodu jsir l-irtir tal-Avvent fiċ-Ċentru Parrokkjali. Jibda fid-9.30am.

Nhar it-Tlieta hija l-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija, Patruna tal-Franġiskani. Għalhekk it-Tnejn 7 ta' Diċembru filgħaxija wara l-quddiesa jkollna l-Għasar Solenni u t-Tlieta 8 ta' Diċembru fis-6.15pm issir il-Quddiesa Solenni u nġeddu l-Konsagrazzjoni tagħna lil Marija.

Nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru ssir iċ-Ċelebrazzjoni djoċesana tal-ftuħ tal-Ġublew tal-Ħniena fil-5.30pm fil-Katidral tal-Imdina. Mons. Arċisqof jixtieq li ħafna minna jkunu preżenti biex niċċelebraw il-Ħniena t'Alla flimkien bħala familja nisranija!
*Għalhekk għal din il-ġimgħa l-prova tal-Kant tal-Kor tat-tfal isiru s-Sibt fid-9.30am.*

Minn nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru tibda n-Novena bi tħejjija għall-Milied fil-quddiesa tas-6.15pm. Fil-ġimgħa tan-novena t-tfal kollha li s-soltu jattendu għall-katekeżi fiċ-Ċentru u fil-MUSEUM jieħdu sehem fil-quddiesa tan-novena.

Bħas-soltu sa jsir *Christmas Breakfast* wara l-quddiesa tal-lejl tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali. Żammejna l-prezz baxx biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem. Din għandha tkun okkazzjoni li tkompli tgħaqqadna bħala familja fil-Mulej Ġesù. Bookings fis-sagristija jew fuq in-numri tat-telefon li jidhru fil-posters.